MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2009

Rikors Numru. 71/2009

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid no 345/09 fl-ismijiet:**

**Raymond Auto Dealer Ltd**

**Vs**

**Carmen Borg**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti Carmen Borg, wara li ppremettiet illi in linea preliminari jigi rilevat illi l-mandat ta' qbid in kwistjoni huwa null, stante illi s-socjeta' rikorrenti naqset milli tindika li l-intimat Alfred Borg, flimkien mal-esponenti, bhala debitur, u dan minkejja l-fatt illi t-titolu ezekuttiv li in forza tieghu gie propost il-mandat odjern, jiddikjara illi l-konjugi Borg huma solidalment debituri ta' HSBC (Bank) Malta p.l.c. illi ghalhekk il-mandat in kwistjoni ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn rilevat, jigi inoltre rilevat, illi l-konjugi Borg ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta’ sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru ta’ referenza 1064/03NC li giet deciza fis-27 ta’ Frar 2007. Illi in forza ta’din l-istess sentenza, l-esponenti giet assenjata l-inkwilinat tad-dar matrimonjali, flimkien mal-oggetti mobbli kollha ezistenti fiha, filwaqt illi l-intimat gie assenjat fost ohrajn inkwilinat ta’ garage f’Rahal Gdid, speedboat, vettura Fiat u vettura Renault u d-depoziti bankarji, flimkien mad-djun rispettivi.

Illi l-esponenti giet notifikata bil-mandat odjern fis-17 ta’ Frar 2009, u dan meta tali mandat gie ezegwit fir-residenza tal-esponenti.

Illi jkun opportun illi jigi rilevat illi ma kienet tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-esponenti u s-socjeta’ rikorrenti, sakemm saret is-surroga lis-socjeta’ attrici mill-HSBC (Bank) Malta p.l.c. tad-drittijiet taghha in forza ta’ att pubbliku datat 1 ta’ Ottubru 2008.

Illi jkun opportun illi jigi rilevat ukoll illi l-mandat odjern inhareg mis-socjeta’ rikorrenti in konnessjoni ma’ xiri minn Alfred Borg, ir-ragel tal-esponenti, tal- vettura tal-marka Hyundai Accent bin-numru GBG 181 minghand is-socjeta’ rikorrenti. **Illi dan ix-xiri tal-vettura minn Borg sar wara s-separazzjoni personali hawn fuq riferita ghaddiet *in gudikat***, u fil-fatt bhala parti mit-transazzjoni li saret bejn l-imsemmi Alfred Borg u s-socjeta’ rikorrenti, jidher illi l-istess Borg assenja favur is-socjeta’ msemmija l-vettura Renault li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u li giet assenjata lilu.

Illi ghalkemm l-esponenti ma kienet bl-ebda mod partecipi f’din it-transazzjoni bejn zewgha u s-socjeta’ rikorrenti, u ghalkemm l-istess konjugi Borg ilhom legalment separati mis-27 ta’ Frar 2007, is-socjeta’ rikorrenti qed tittanta tottjeni l-ezekuzzjoni tal-kreditu spettanti lilha, u dan esklussivament u interament minghand l-esponenti wahedha, meta permezz tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) – li s-socjeta’

rikorrenti kienet ben konsapevoli tal-kontenut taghha – id-dejn mal-Bank in kwistjoni gie assenjat interament lill-imsemmi Alfred Borg.

Illi l-esponenti sigurament m'hix il-legittimu kontradittur fil-kwistjoni odjerna, u ghalhekk ghandha tinheles minn kull obbligu li taghmel tajjeb ghal kwalunkwe kreditu spettanti lis-socjeta' rikorrenti u kwalunkwe debitu li nkorra Alfred Borg, jew li gie debitament assenjat lilu permezz tas-sentenza ta' separazzjoni personali hawn fuq riferita.

Illi l-mandat in kwistjoni gie esegwit fuq oggetti li gew assenjati lill-esponenti permezz tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Civili), liema oggetti jinkwadraw ruhhom f'dak indikat fl-Artikolu 304 (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk ghandhom jigu mehlusa mill-effetti tal-mandat odjern.

Umilment talbet lil din l–Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi l-mandat odjern, in kwantu gie revolt fil-konfront tal-esponenti Carmen Borg, ghandu jigi revokat u mhassar *in toto* u dan ai termini tal-Aritkolu 304 (a) tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fis-27 ta' Frar 2008 (fol 3 tal-atti).

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata (fol 17 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

Illi Carmen Borg u zewgha huma debituri kanonizzati tal-HSBC Bank Malta plc u l-esponenti xtara dan l-kreditu in forza ta' kuntratt tal-1 ta' Ottubru 2008.

Illi ghalhekk l-esponenti ghandu kull dritt jezegwixxi kontra kull wiehed miz-zewg konjugi Borg.

Illi huwa ghamel arrangjament ma' Alfred Borg ma' parti mill-kreditu izda l-intimata ma trid thallas xejn.

L-esponenti ma kienx parti fil-kawza tas-separazzjoni personali u ghalih dik is-sentenza hija *res inter alios acta*.

F’kull kaz, l-kreditu tal-Bank li gie akkwistat mill-esponenti huwa antecedenti s-sentenza tas-separazzjoni.

Illi hemm flus depositati l-Qorti f’ammont ferm inferjuri minn dak dovut lill-esponenti u l-esponenti gja ddikajra li jekk l-intimata taghti l-kunsens taghha ghall-izbank favur l-esponenti huwa ma jkomplix jesegixxi izda l-intimata ippreferiet li tehli l-mezzi taghha fuq proceduri gudizzjarji meta kien jkun ahjar kieku utilizzathom biex thallas id-dejn de quo. Ir-referenza ghall-Art 304(a) tal-Kap 12 mhix kredibbili.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti mill-provi prodotti il-fatti in esami huma kif ser jinghad:-

1) Permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 ta’ Awissu 2006 fl-ismijiet “HSBC Bank Malta vs Alfred u Carmen Borg” (Avviz numru 322/2005 SM). Permezz ta’ din is-sentenza, il-Bank attur kien gie kononizzat kreditur tal-istess konjugi Borg fis-somma totali ta’ <u>Lm3720.99</u> ossija €8667.58 oltre l-ispejjes tal-istess kawza u imghaxijiet ulterjuri (fol 10 u fol 11 tal-istess atti).

2) Permezz ta’ att notarili pubblikat fl-1 ta’ Ottubru 2008 (fol 9 ibid) Raymond Zammit fis-socjeta’ intimata kien hallas l-ammont ta’ €4770.82 lill-imsemmi bank u dan a saldu tal-imsemmi debitu dovut mill-konjugi Borg u ghalhekk l-istess Bank kien <u>issurroga</u> lil Raymond Zammit nomine fid-drittijiet kollha tal-istess Bank naxxenti mill-ipoteka hemm specifikata vis-à-vis l-istess debitu oltre li ceda d-drittijiet litiguzi fil-konfront tal-konjugi Borg.

3) Gara’ li, ukoll, sar <u>ftehim</u> bejn Alfred Borg, <u>wahdu</u>, u li hu l-konjugi separat tal-istess rikorrenti Carmen Borg, u Raymond Zammit u permezz ta’ dan il-ftehim (ara l-

kopja tal-iskrittura privata relattiva a fol 39 ibid) Alfred Borg biegh lill-istess Raymond Zammit nomine l-karozza hemm indikata bil-prezz ta' €1863. Dan il-prezz, skond l-istess ftehim, "ghandu jitnaqqas … mill-ammont li l-istess Alfred Borg ghandu jaghti lil Raymond Zammit …" u "L-ammont kollu li kellu jinghata huwa ta' €4770 u b'hekk jitnaqqas is-somma hawn fuq indikata.

4) Gie rilevat illi skond kif risultatanti mid-dokument a fol 21 et seq ibid, l-istess konjugi Borg kienu sseparaw "de lege" permezz ta' sentenza mghotija finalment mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-27 ta' Frar 2007. Dwar din is-sentenza jigi notat li din ma gietx insinwata fir-Registru Pubbliku u lanqas ma sar l-Att Pubbliku opportun (ara l-paragrafu 5 tad-'decide' a fol 28 ibid).

5) Wara dan kollu, permezz ta' digriet moghti fit-2 ta' Frar 2009 (fol 5 et seq ibid) is-socjeta' intimata ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' qbid ezekuttiv fil-konfront ta' Carmen Borg wahedha. Fl-istess mandat jinghad illi s-sojceta' intimata kienet qed tagixxi bhala "cessjonarja fid-drittijiet kollha litiguzi tal-"HSBC Bank Malta plc" skond l-imsemmi kuntratt (ara l-paragrafu tnejn (2) supra). L-ammont specifikat fl-istess mandat jammonta ghal €4770.82 u fil-kawzali jissemma l-istess kuntratt u d-drittijet litiguzi li s-socjeta intimata akkwistat minghand l-imsemmi Bank vis-à-vis ir-rikorrenti in konnessjoni mal-imsemmija sentenza.

6) F'dawn il-proceduri xehed l-istess Raymond Zammit (fol 33, fol 37 u fol 41 u fol 59 et seq ibid) u waqt li beda sabiex jirreferi ghal ftehim hawn fuq imsemmi bejnu f'isem is-socjeta' intimata u Alfred Borg wahdu semma' illi "… intlahaq ftehim … in rigward l-ammont kollu ta' (Euro) 4770, hamsin fil-mija kellhom jithallsu minn Alfred Borg, ir-rimanenti minn Carmen Borg …. Jiena filfatt minghand Carmen Borg qed nippretendi biss nofs l-ammont ". Inoltre hu kompla jghid illi "L-ammont ta' (€)4770 ghandu jinqasam bejn tnejn … fil-fatt minghand ir-rikorrenti qeghdin nippretendi mhux l-ammont kollu izda l-ammont ta' 2380 Euro". Inoltre meta irrefera ghal diversi diskussjonijet u transazzjonijiet bejnu u l-istess Alfred Borg, dwar zewg karozzi hemm imsemmia, ix-xhud qal

"Jiena sirt naf bis-sentenza ta' separazzjoni meta s-Sur Borg u jiena konna qed niffirmaw, id-dokumenti kollha in rigward it-transfer tar-Renault kif ukoll illi kien jaf bl-istess sentenza qabel il-ftehim bejn u Alfred Borg iffirmat fis-26 ta' Novembru 2008.

7) Ir-rikorrenti, meta xehdet a fol 49 u 57 et seq ibid, ghamlet referenza ghal cedola ta' depositu (ara fol 46 ibid) hi qalet illi kien inhareg mandat ta' sekwestru mill-Bank HSBC Bank Malta plc kontra taghha u zewgha u bhala konsegwenza kienu gew sekwestrati flejjes li, hi tircievi bhala pensjoni u beneficji socjali ohra u depositati mal-Bank of Valletta plc. L-istess flejjes gew depositati fir-Registru tal-Qorti u kien jammontaw ghal €1989.29.

Ikkunsidrat

Illi, minn dak premess, jirrisulta illi:

a) Skond is-sentenza hawn fuq citata u moghtija fid-29 ta' Awissu 2006, id-dejn tal-konjugi Borg vis-à-vis il-Bank kreditur kien jammonta ghal €8667.58 (Lm3720.99).
b) Pero meta Raymond Zammit nomine kien hallas l-istess Bank, a saldu tad-debitu tal-konjugi Borg, l-istess debitu kien jammonta, b'kollox ghal €4770. Dan il-pagament bis-surroga u bit-trasferiment tad-drittijiet litiguzi ghandu jigi ritenut validu u applikabbli anke vis-à-vis ir-rikorrenti minn kull aspett.
c) Ghalhekk stabbilit illi l-ammont kollu dovut kien jammonta ghal €4770, il-Qorti issibha stramba illi l-ammont kollu qed jintalab, bhala hlas, minghand ir-rikorrenti.wahedha , kif gara fil-mandat in esami. Difatti ma hemm xejn li jindika li l-konjugi Borg kienu responsabbli solidalment bejniethhom ghal hlas ta' dan l-ammont. Konsegwentement ir-rikorrenti ghandha tigi ritenuta biss responsabbli ghal nofs (1/2) l-ammont kollu cjoe €2385 u xejn aktar.
d) Jigi rilevat illi, in rigward is-sentenza ta' separazzjoni, rrisulta illi din qatt ma giet insinwata u ghalhekk ma jistax jigi ritenut illi din hi applikabbli in rigward terzi persuni specjalment Raymond Zammit nomine.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, il-mandat in esami ma jistax jigi revokat u mhassar in ‘toto’ skond kif mitlub izda l-ammont hemm mitlub ghandu jigi ridott bin-nofs (1/2) u jitnizzel ghal €2385.

Illi jigi ukoll, notat, illi hemm referenza fir-rikors promotur ghall-artikolu 304(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dwar l-oggetti maqbudin (fol 6 u 7 tal-atti) ma’ jidhirx li dawn ghandhom jitqiesu bhala “l-ilbies ta’ kulljum, is-sodda u dawk l-affarijiet tal-kcina u l-ghamara ragonevolment mehtiega ghall-ghajxien b’mod dicenti tad-debitur …”. Ghalhekk l-istess oggetti ghadhom jigu ritenuti bhala validament maqbudin.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ ‘in parte’ it-talba in esami u a bazi tal-artikolu 281 (gja artikolu 283A tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta’ Malta) tordna li l-ammont imnizzel bhala sorti fl-istess mandat jigi ridott ghal €2385 u ghalhekk l-istess mandat ghandu jibqa jsehh limitatament ghal dan l-ammont.

In rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, il-Qorti tordna li dawn kollha kemm huma jithallsu mis-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------